MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Numru 786/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**

**VS**

**OWEN JONES**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Owen Jones, ta' 25 sena, bin Albert u Mary nee' Peppe, imwieled Tal-Pieta' nhar it-12 ta' Dicembru, 1980 residenti fil-fond Sunshine Flats, Flat 1, Triq Ardiono, Qawra, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 24481 (M);

Akkuzat talli nhar l-4 ta' Settembru, 2005 ghall-habta tas-sitta u ghoxrin ta' wara nofsinhar (1820hrs), gewwa Triq il-Luzzu, San Pawl il-Bahar, Qawra:

1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew fil-professjoni taghhom, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolameneti kkagunaw ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mark Vella;

2. U kif ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghed il-hajja ta’ Mark Vella, f’periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha fuq il-persuna jew igibilha disordni f’mohhha wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi saqq u laqat lill-imsemmi Mark Vella;

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara rat il-verbal tal-lum fejn il-feriti gew ikklassifikati bhala hfief, u l-parte civile qed tirrinunzja ghall-proceduri kriminali;

Wara li rat li in vista ta’ dan il-verbal, din il-kawza saret ta’ kompetenza ta’ din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddikkjara procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------